# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Frar 2000**

**Numru 41**

**Citaz. numru 331/94 DS**

Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Industrial Motors Limited

vs

Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, u James Gollcher u Karl Gollcher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' O.H. Gollcher & Sons Limited agenti Malta ta' NYK Line Nippon Yusen Kaisha armaturi/proprjetarji tal-vapur Jinsei Maru

Illum, 18 ta' Frar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Marzu 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi S-socjeta' Industrial Motors Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur **Jinsei Maru** konsenja ta' vetturi Suzuki li waslu Malta fl-1 ta' April 1993.

Billi din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-assigurat tal-attur bin-nuqqasijiet u danni elenkati fid-Dok. A.

Billi ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijiet u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Billi l-attur nomine jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet u danni riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' erba' mija u disa u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm429.50,0) li maghhom jizdied l-ammont ta' mija u tmenin lira (Lm180) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nominie fl-ammont ta' sitt mija u disa u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm629.50).

talab lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nimine fis-somma ta' Lm609.50,0;

3. Tikkundanna lil-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm609.50,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra il-konvenuti nomine li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti James Gollcher et nomine fejn qalu:

1. Preliminarjament in kwantu ghat-talba tas-socjeta' attrici propjo, l-eccipjenti nomine ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li huma m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici propjo.

2. Illi in kwantu diretti kontra l-eccipjenti nomine it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez

stante li l-eccipjenti nomine mhumiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet allegati.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu s-survey fee stante li din mhijiex parti mid-danni ta' l-assigurat (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc: Citaz. Nru 112/86 - 6/4/92 - Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et).

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-interessi legali ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (sentenza ta' l-Appell Sede Kummerc; Citaz. Nru 112/86 - 6/4/92 - Dr. R. Staines et noe vs Chev. Silvio Mifsud noe et ).

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, r-responsabbilita' ta' l-eccipjenti nomine hija limitata skond il-polza tal-kariku.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela er nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta' attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta' assigurattrici estera.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess, ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm429.50 lill-Industrial Motors Limited.

3. Illi ai termini tal-Art. 16 tal-Port Ordinance 1962, l-esponenti mhux responsabbli ghall-allegati hsarat, stante li tali dikjarazzjoni, la darba l-Gate Pass Out gie iffirmat clean jezemi lill-esponenti minn kull responsabbilita'.

4. Illi di piu u fil-meritu, l-importatur innifsu iffirma l-Gate Pass Out tramite r-rappresentant tieghu fejn huwa ddikjara li rceva l-merkanzija "in good order and condition" bala ma ghamel jew insista ghall-ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza datata 19 ta' Awissu 1992, fl-ismijiet Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz.

Nru 1103/86) - Qorti ta' l-Appell - Sede Kummercjali, s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-allegati danni.

5. Illi di piu ai termini ta' l-istess polza, l-assigurat kiser il-kundizzjonijiet ta' l-istess peress li ffirma l-istess Gate Pass Out bla riserva. b'dan is-socjeta attrici lanqas kienet obbligata thallas lill-assigurat u b'hekk lanqas ghandha LOCUS STANDI fil-kawza.

6. Illi l-esponenti jirreferu ghas-sentenza dwar is-survey fees allegati ma' jistghux jigu riklamati stante li m'humiex danni tal-assigurat u l-interessi jiddekorru meta l-ammont jigi likwidat, stante li si tratta dwar kawza ta' danni (Sentenza tal-Qorti ta' L-Appell - Sede Kummercjali - deciza fis-sitta t'April 1992 - Citaz. nru. 112/86) fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo u KF 811/92 Dr. Robert Staines u S. Mifsud u Godwin Abela deciza fit-Tlieta (3) ta' Frar, 1994.

7. Illi ghalhekk, il-konvenuti m'humiex risponsabbli ai termini ta' L-Artikolu 71 tal-Port Regulations Sub - Inciz (3).

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, l-konvenut Godwin Abela nomine mhux risponsabbli ghall-allegati danni/nuqqas u dan ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala "units" u tinghata biss ricevuta bhala tali "units".

2. Illi ai termini ta' l-Artikolu 6 (3) (a) (v) tal-Port Ordinance 1962 la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala "units" dan l-artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta' konvenuta minn kull risponsabbilita'.

3. Illi wkoll ai bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966, l-importatur jaf li tali merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta mhux risponsabbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta' Industrial Motors Limited importat f'Malta 45 vettura Suzuki permezz tal-vapur Jinsei Maru f'April 1993. Mit-"tally sheets" Dok. H1 u Dok. H2 (a fol. 25 u 26) u Dok. PB1 (a fol. 74) jidher li dawn tnizzlu minn fuq il-vapur minghajr rimarka.
6
Renato Pullicino, tally clerk, xehed li d-Dok. H1 u H2 hija fil-fatt "tally sheet" tieghu u hija "joint tally" mar-rapprezentant tal-Cargo Handling u ffirmata minnu. Qal li ma kienx hemm nuqqasijiet fil-karrozzi in kwistjoni. Kif anke jidher mid-Dok. PB1 li hija wkoll "joint tally" ma' l-istess rapprezentant tal-Cargo Handling. L-unika rimarka f'dawn it-"tally sheets" tirrigwarda karrozza tal-Mira Motors li m'ghandhiex x'taqsam mal-kaz. Huwa spjega li ma jiftakarx dan il-kaz partikolari izda meta jkunu qed jitnizzlu l-karrozzi minn fuq il-vapur it-"tally clerks" ikunu hdejn ir-rampa. Mhux dejjem jaraw il-karrozza minn gewwa fid-dettal. Ituha daqqa t'ghajn bhal radio, gear knobs, ecc. Minn barra jarawha. Jekk is-"soft top" ikun armat mal-karrozza jkun jihder, pero' jekk ikun zarmat go kaxxa ma tistax tarah. F'dal-kaz ma jafx jekk kienx hemm karrozza bis-"soft top" armat jew zarmat.

In kontroezami qal li l-karrozza ma jdumux jarawha. Iduru dawrha maghha u jtuha daqqa t'ghajn. Dettalji ta' accessorji ma jkollhomx. F'kaz ta' radio tkun taf li nqala' ghax tara l-hsara. Meta s-Suzuzki jeeps jinzlu miftuhin minghajr saqaf ikollhom kaxxa bl-aljetta ssigillata. X'ikun fiha ma jkunx jaf.

Peter Bonello, claims representative mas-socjeta' konvenuta, xehed li l-Cargo Handling qatt ma jkollha lista ta' accessorji li jkollha l-karrozza u li fit-"tally" kull ma jitnizzel n-numru ta' karrozzi li jigu. In kontroezami pero' qal li jekk ikun hemm xi haga vizibbli t-"tally clerks" jirrimarkawha. Apparti d-Dok. PB1 huwa esebixxa wkoll kopja tal-"gate pass-outs" (Dok. PB2) li juru li l-karrozzi nhargu minghajr rimarka.

Nonostante dak li qal Peter Bonello, biex jikkonferma dak li rrizulta lit-"tally clerks", insibu x-xiehda ta' Oliver Losco, cargo surveyor mas-socjeta' konvenuta O.H. Gollcher & Sons Ltd., li ghamel survey tal-

karrozzi qabel ma nizlu mill-vapur. Huwa ghamel “condition report” (Dok. OL) li juri li l-45 Suzuki ma kellhom l-ebda hsara jew nuqqas. Waqt is-survey iwaqqaf il-karrozza, idur dawra maghha u jiftah il-bieba biex jaraha minn gewwa.

Ghalhekk il-Qorti hi soddisfatta mid-dokumenti esibiti li l-karrozzi in kwistjoni nizlu minn fuq il-vapur bla hsara jew nuqqas u li s-socjeta’ konvenuta O.H. Gollcher & Sons Limited ma hija responsabbli ghall-ebda parti mid-danni/nuqqasijiet rizultanti f’dan il-kaz. B’hekk il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tikkunsidra l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati minn din il-kumpanija. Izda x’gara sussegwentement?

Il-vetturi ghaddew f’idejn il-Cargo Handling u qabel ma ttiehdu mill-importaturi, sarilhom survey minn Noel Ellul li kien marine claims executive mas-socjeta’ attrici. Huwa rrefera ghas-survey report esebit mac-citazzjoni a fol. 6, 7 u 8 u kkonfermah. Huwa stqarr li l-kaz partikolari kien jiftakru.

Mis-survey report imsemmi jirrizulta li fis-7 ta’ April 1993 huwa ezamina l-vetturi flimkien ma’ certu Carmelo Mangion, rapprezentant ta’ l-importaturi. Mis-survey irrizultalu s-segwenti danni/nuqqasijiet:

| | |
|---|---|
| Chassis No. 744386 – ashtray missing | Lm 4.70 |
| Chassis No. 205441 – footprints on bonnet | 10.00 |
| Chassis No. 407226 – cigarette lighter missing | 4.00 |
| Chassis No. 407226 – emblem missing | 2.22 |
| Chassis No. 146210 – floor mats missing | 50.00 |
| | ----------------- |
| | Lm70.92 |
| | ----------------- |

Wara li nstabu dawn id-danni u nuqqasijiet, marru ghand id-“delivery clerk” tal-Cargo Handling biex id-dettalji jitnizzlu fil-“gate pass-out”. Dan pero’ qal li jnizzel biss dawk ir-rimarki li jkunu saru fit-“tally” meta l-vetturi jkunu qed jitnizzlu mill-vapur, u billi fit-“tally sheets” relattivi ma kien hemm l-ebda rimarka, ma kien se jnizzel xejn fil-“gate pass-out”. Minhabba n-numru relattivament zghir ta’ danni/ nuqqasijiet, gie deciz li l-vetturi jithallew johorgu 41 vettura taht “clean” “gate pass-out”. Meta l-ghada marru ghar-rimanenti 4 vetturi, sabu l-vettura bix-chassis numru 169106 bis-“soft top”, “spare wheel” u oggetti ohra nieqsa. Il-gurnata ta’ qabel dil-vettura kienet intatta. Gie nfurmat r-rapprezentant tal-Cargo Handling, Joseph Piccinino, li ta parir li jissejhu l-Pulizija. Hekk sar u acceda fuq il-post l-Ispettur Walter Spiteri li ghamel l-investigazzjonijiet

mehtiega. Gew mitluba jhallu l-vetturi fil-post u eventwalment fil-15 ta' April 1993 gew avzati li setghu jirtirawhom. Mill-ispezzjoni finali ta' dawn il-vetturi rrizultaw is-segwenti danni/nuqqasijiet:

| | | |
|---|---|---|
| Chassis No. 169106 – | soft top missing | Lm237.98,8 |
| | cover frame no. 78540 | 14.41,2 |
| | cover frame no. 78530 | 14.31,1 |
| | tool kit missing | 3.38,2 |
| | lens roof | 1.81,1 |
| | Vitara emblem | 2.96,6 |
| | road wheel | 38.25,0 |
| | canopy frame | 24.75,2 |
| | tow bow canopy | 10.00,0 |
| | labour for above | 5.00,0 |
| Chassis No. 112469 – | front emblem missing | 3.00,0 |
| | Left emblem missing | 2.69,6 |
| Chassis No. 744386 – | ashtray missing | 4.70,0 |
| | | ------------------ |
| | | Lm363.26,8 |
| | | ------------------ |

Mill-gdid talbu lir-rapprezentant tal-Cargo Handling biex inizzel dawn id-detalji fuq il-"gate pass-out" izda dan infurmah li ma setax. Ghalhekk il-vetturi nhargu bil-"gate pass-out" li kien "clean".

L-Ispettur Spiteri xehed u esebixxa l-okkorrenza relattiva.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tiddeciedi jekk is-socjeta' Cargo Handling ghandhiex taghmel tajjeb ghad-danni riskontrati, iridu jigu kkunsidrati d-diversi eccezzjonijiet sollevati minnha.

Fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fit-3 ta' Ottubru 1995 giet eccepita n-nuqqas ta' responsabbilta' a bazi tar-Regolamenti 70 u 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966 u l-artikolu 6(3) tal-Ports Ordinance 1962.

Dwar ir-Regolament 70 jirrizulta li dan ir-regolament ighid biss kif ghandhom jinhargu l-ircevuti u ma jghid xejn dwar helsien minn responsabbilta'. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tghoddx ghall-kaz prezenti.

Dwar ir-Regolament 90, issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Mejju 1989 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe**:

*"Ir-regolament ma jipprovdix ghar-relazzjoni tal-Cargo Handling u l-importatur, imma jipprovdi ghar-relazzjoni tas-Sovrintendent ma' min jircievi l-ordni ta' l-istess Sovrintendent .... Il-Cargo Handling ghandha drittijiet u obbligi versu l-importatur li gejjin mill-funzjonijiet u l-attivitajiet li gew akkordati lilha, u fost dawn l-obbligi hemm dak illi jekk ikollha f'idejha merkanzija li ma tistax tinhazen, u jkollha zzomm fil-berah, trid thares l-istess merkanzija minn kull hsara li tista' tigrilha minhabba dan il-fatt".*

Dwar l-artikolu 6(3) tal-Ports Ordinance diga' gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru 1996 fil-kawza fl-ismijiet Dr. Joseph Zammit McKeon noe vs David Jones et noe et" (Vol. LXXX.iii.1312) li dak l-artikolu m'ghandux iwassal ghal interpretazzjoni li jfisser li d-Direttur tal-Portijiet jew il-kuntrattur tieghu ma huwa qatt responsabbli u li m'ghandhomx japplikaw il-principji tal-Kodici Civili. Inoltre is-subinciz (a)(v) ighid li l-istess Direttur ma jkunx responsabbli fejn il-hsara tirrizulta minn "deficjenza fil-kontenut ta' pakki mhux miksura", u fil-kaz in ezami ma rrizulta l-ebda tali deficjenza.

Ghaldaqstant it-tliet eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mis-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited huma michuda.

Se jigu issa kkunsidrati l-eccezzjonijiet sollevati fin-nota ta' eccezzjonijiet originali pprezentata fid-29 ta' Marzu 1994:

L-ewwel eccezzjoni tghid li ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta' attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta' assikuratrici estera. Jigi osservat li matul il-kors tal-gbir tal-provi mill-assistant gudizzjarju ma giex esebit id-dokument mitlub f'din l-eccezzjoni. Mill-banda l-ohra jirrizulta (1) li s-socjeta' konvenuta Cargo Handling ma ghamlet l-ebda referenza jew insistenza dwar din l-eccezzjoni, (2) li s-surroga relattiva saret favur is-socjeta' Guardian Royal Exchange Assurance plc, (3) li

Rigward it-tieni eccezzjoni, is-subrogation form (Dok. J a fol. 12) hija evidenza tal-pagament u mhux mehtieg li jigi esebit anke c-cheque. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.

Dwar it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet, irrizulta ampjament mix-xiehda ta' Noel Ellul u s-survey report minnu esebit u kkonfermat bil-

gurament, li saru diversi tentattivi biex fuq il-“gate pass-outs” jigu mnizzla d-dettalji tad-danni/nuqqasijiet riskontrati waqt is-survey li huwa ghamel. Izda kienu r-rapprezentanti tal-Cargo Handling li rrifjutaw li jaghmlu dan. Tali rifjut kien anke fir-rigward tal-vetturi li, minhabba xi nuqqasijiet li gew osservati kellhom jiddahhlu l-Pulizija biex jinvestigaw. Ghalhekk din is-socjeta’ ma tistax tqis ruhha ezenti mir-responsabbilta’, peress li l-“gate pass-outs” inhargu “clean” biss minhabba r-rifjut unilaterali tar-rapprezentanti taghha biex inizzlu d-danni/nuqqasijiet. Ma jistax lanqas konsegwentement jigi argumentat li s-socjeta’ attrici m’ghandhiex locus standi. Ghalhekk anke dawn it-tliet eccezzjonijiet huma michuda.

Is-sitt eccezzjoni hija dwar survey fees u dwar interessi. Issa fil-kaz odjern is-socjeta’ attrici ghamlet talba specifika ghall-hlas tas-survey fees, mhux biss ta’dak li halset lill-assikurat taghha. Biex tingieb xiehda tajba dwar il-hsara li saret f’dan il-kaz kien xieraq li jsir survey. Il-htiega ghas-survey u ghall-ispejjez taghha qamet ghax saret il-hsara u ghalhekk huwa xieraq li min jahti ghall-hsara jhallas ukoll l-ispejjez mehtiega biex ikun maghruf kemm hija l-hsara (Prim’Awla, Citaz. Nru. 572/95GCD, Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Godwin Abela et noe et, 22 ta’ Mejju 1998). Rigward l-interessi, l-attur nomine specifika l-ammont ta’ danni li jippretendi ghandhom jithallsu; ghalhekk ghandhom jiddekorru f’dan il-kaz mid-data tac-citazzjoni. Is-sitt eccezzjoni hi wkoll michuda.

Fl-ahharnett jirrizulta li anke s-seba’ eccezzjoni hi bla bazi.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tiddikjara li l-konvenuti James Gollcher u Karl Gollcher nomine mhumiex responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet in kwistjoni u ghalhekk tilqa’ t-tieni eccezzjoni taghhom, izda tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine u ghalhekk tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront taghhom billi

(1) tiddikjara lill-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkaznija tal-assigurat ta’ l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-attur nomine,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma minnu mitluba ta’ Lm609.50, u

(3) tikkundanna lill-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine jhallsu lill-attur nomine din is-somma ta’ Lm609.50 bl-imghax mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu mill-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine salv dawk tal-konvenuti James Gollcher u Karl Gollcher nomine li jigu sopportati mill-attur nomine.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**